# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Għoxrin (20) ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru 1170/15 FDP**

Fl-ismijiet

**Mapfre Middlesea p.l.c (C 5553), hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Conrad Galea (ID 17784M), u l-istess assikurat Conrad Galea**

**Vs**

**Alberto Bartolo**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 10 ta' Diċembru 2015, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine,* bil-ġurament ta' Patrick Muscat, talbu s-segwenti:

   1. *Premess illi f'Diċembru tas-sena 2013 il-vettura tat-tip BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni XGY 003 kienet assigurata mas-soċjeta' attriċi;*

   2. *U premess li l-assigurat tal-istess vettura huwa Conrad Galea bil-karta tal-identita' numru 17784M;*

   3. *U premess illi nhar it-tnejn (2) ta' Diċembru elfejn u tlettax (2013), waqt li l-intimat kien qiegħed isuq il-vettura crane proprjeta' ta' Carmelo Muscat bin-numru ta' reġistrazzjoni GBO 034 kellu inċident mal-vettura tat-tip BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni XGY 003 proprjeta' tal-assigurat u misjuqa minn Carmel*

*Vella u dan fit-Telgħa t'Alla u Ommu, Naxxar (ara r-rapport tat-traffiku anness u mmarkat bħala Dok. A);*

4. *U premess illi l-inċident u d-danni riżultanti jaħti għalihom unikament l-intimat minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku;*

5. *U premess illi l-vettura tal-assigurat Conrad Galea ġiet dikjarata bħala beyond economical repair kif jirriżulta mis-survey report hawn anness u mmarkat bħala Dok. B;*

6. *U premess illi s-soċjeta' attriċi ħallset is-somma ta' sbatax il-elf Euro (€17,000) lill-assigurat tagħha filwaqt li dan tal-aħħar ħallas il-policy excess fl-ammont ta' tliet mija u ħamsin Euro (€350);*

7. *U premess li s-soċjeta' attriċi ġiet surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurat Conrad Galea kif jirriżulta mid-dokument anness u mmarkat bħala Dok. C;*

8. *U premess illi l-intimat ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti fl-istess imsemmi inċident baqa' inadempjenti (ara Dok. D u Dok. E annessi);*

9. *U premess għalhekk is-soċjeta' attriċi kienet kostretta tintavola l-kawża odjerna;*

*Għalhekk, jgħid il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:*

1. *Tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident de quo u għad- danni konsegwenza tal-istess, sofferti mis-soċjeta' rikorrenti;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti fl-ammont indikat fil-premessi jew f'ammont verjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq;*

3. *Tikkundanna lill-intimat biex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont hekk likwidat.*

*Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-liġi, u bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra legali ta' Jannar 2014 (ara Dok. D anness), l-ittra uffiċċjali ta' Novembru 2015 (ara Dok. E anness) u ittra uffiċċjali oħra mibgħuta GasanMamo Insurance Limited li permezz tagħha ġew infurmati li ġiet prezentata l-kawża odjerna (ara Dok. F anness), kontra l-konvenut nġunt minn issa għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-28 ta' Jannar 2016, l-intimat Alberto Bartolo ippreżenta l-eċċezzjonijet tiegħu, fejn laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi preliminarjament, jiġi rilevat illi skond ir-rapport ippreżentat mir-rikorrenti stess, is-sid tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni XGY 003, assigurata mill-*

*istess soċjeta rikorrenti huwa indikat bħala Vincent Azzopardi li għandu n-numru tal-karta ta' l-identita 17784M, u mhux Conrad Galea kif premess mis-soċjeta rikorrenti fil-premessi tal-kawża. Kwindi, u sakemm jiġi ppruvat min huwa verament is-sid tal-vettura in kwistjoni, l-esponenti jiddikkjara illi ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal- imsemmi Conrad Galea, u l-esponenti għandu għalhekk jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

2. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti, u dana stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort ta' l-intimat, iżda unikament tort ta' Carmel Vella (ID: 281991M) illi kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni XGY 003, u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

3. *Illi subordinatament għat-tieni eċċezzjoni, u mingħajr preġudizzju għall-istess, id-danni pretiżi mir-rikorrenti huma wkoll ikkontestati, u r-rikorrenti għandhom iressqu kull prova valida skond il-liġi sabiex jippruvaw id-danni illi allegatament sofrew. Dan qed jingħad peress illi skond is-survey report eżebit mill-istess rikorrenti, il-vettura assigurata (jiġifieri dik bin-numru tar-reġistrazzjoni XGY 003) kienet stmata illi kellha 'pre-accident market value' ta' ħmistax-il elf u ħames mitt Euro (€15,500.00), filwaqt illi r-'wreck' kellha valur ta' elfejn Euro (€2,000.00); u kwindi s-surveyor kien ta parir illi l-assigurat tar-rikorrenti jingħata 'cash settlement a sodisfazzjon tad-danni kollha sofferti minnu fl-ammont ta' tlettax-il elf u ħames mitt Euro (€13,500.00).*

   *In vista tal-premess ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni valida il-għalfejn is-soċjeta' rikorrenti ħallset lill-assikurat tagħha is-somma ta' sbatax-il elf Euro (€17,000.00); meta dan kien ammont illi ma jirriflettix il-valur attwali tad-danni in kwistjont, u minkejja li jidher illi l-assigurat żamm ir-wreck in kwistjoni.*

4. *Illi jiġi rilevat illi Conrad Galea u/jew Vincent Azzopardi, jew min minnhom huwa s-sid tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni XGY 003, ma huwiex parti minn din il-kawża f'ismu proprju; u kwindi kull pretensjoni jew talba għal xi rifużjoni għal xi 'policy excess' illi tħallset mill-istess sid hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u għandha għalhekk tiġi miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond kif permessi mill-Ligi.*

## PROVI

3. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti flimkien mar-rikors promotur, ossija is-segwenti:

   a. Traffic Accident Report 140772/GWSHL (fol 5);
   b. Survey Report datat 4 ta' Diċembru 2013 tas-Surveyor Joseph Muscat (fol 14) bi stima ta' ħsarat fl-ammont ta' €19,486.04;

c. Subrogation Form ta’ Conrad Galea datata 19 ta’ Diċembru 2013 (fol 28);

d. Ittra Legali datata 23 ta’ Jannar 2014 (fol 29);

e. Ittra Uffiċċjali datata Novembru 2015 (fol 30);

f. Ittra Uffiċċjali datata Diċembru 2015 (fol 31).

4. Rat illi fit-23 ta’ Frar 2016, fuq talba tar-rikorrenti, ġew miżjuda l-kliem “*u l-istess assigurat Conrad Galea*”, u għalhekk l-intimat irrinunzja għall-ewwel u r-raba’ eċċezzjoni tiegħu (fol 43).

5. Rat ix-xhieda ta’ **Denise Buttigieg**, Claims Handler tas-soċjeta’ rikorrenti, mogħtija fis-17 ta’ Mejju 2016, (fol 46) u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita, ossija is-segwenti:

    a. Survey Report datat 4 ta’ Diċembru 2013 tas-surveyor Joseph Muscat (fol 49) bi stima ta’ ħsarat fl-ammont ta’ €19,798.27;

    b. Email tas-Surveyor Joseph Muscat datata 12 ta’ Diċembru 2013 (fol 63);

    c. Korrispondenza ‘Mingħajr Preġudizzju’ skambjata bejn l-assikurazzjonijiet Middlesea Mapfre p.l.c. u GasanMamo fit-18 u 19 ta’ Diċembru 2013 (fol 66);

    d. Survey tal-Vettura KGY003, datat 3 ta’ Settembru 2013 tas-Surveyor Anthony Vassallo (fol 68).

6. Rat ix-xhieda ta’ **Carmel Vella**, sewwieq tal-vettura XGY003 involuta fl-inċident fid-data tal-inċident, mogħtija fis-17 ta’ Mejju 2016 (fol 71).

7. Rat ix-xhieda ta’ **Conrad Galea**, sid il-vettura XGY 003, mogħtija fit-3 ta’ Novembru 2016 (fol 74).

8. Rat ix-xhieda ta’ **Joseph Muscat**, Surveyor tas-soċjeta’ rikorrenti, mogħtija fis-7 ta’ Diċembru 2016 (fol 76).

9. Rat id-dokument ippreżentat mis-soċjeta’ rikorrenti fis-17 ta’ Jannar 2017, ossija ‘Riċevuta tal-Ħlas tal-Excess’ da parte tar-rikorrent Conrad Galea lis-soċjeta’ rikorrenti Middlesea p.l.c. (fol 81).

10. Rat illi fis-17 ta’ Jannar 2017, ir-rikorrenti ddikkjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw.

11. Rat ix-xhieda ta’ l-intimat **Alberto Bartolo**, sewwieq tal-vettura GBO 034, involuta fl-inċident meritu tal-kawża odjerna, mogħtija fl-1 ta’ Marzu 2017 (fol 83).

12. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Carmel Vella, mogħtija fil-25 ta’ April 2017.

13. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Denis Buttigieg mogħtija fil-25 ta’ Mejju 2017 (fol 93).

14. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Conrad Galea, mogħtija fit-23 ta’ Novembru 2017 (fol 103).

15. Rat ix-xhieda ta’ **Stephanie Borg,** rappreżentanta tas-soċjeta’ rikorrenti, mogħtija fit-13 ta’ Marzu 2018 (fol 113), u rat il-Polza tal-Assikurazzjoni nru P30001566 maħruġa mit-3 ta’ Settembru 2013 sal-31 ta’ Diċembru 2013 f’isem Vincent Azzopardi, minnha eżebita seduta stante (fol 115).

16. Rat ix-xhieda ulterjuri ta’ Stephanie Borg, mogħtija fis-26 ta’ April 2018 (fol 12), u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita, ossija is-segwenti:

    a. ‘Form of Acceptance and Discharge’ bla data, fejn Vince Azzopardi qed jawtorizza lil Middlesea Insurance plc tħallas lil Conrad Galea (fol 123).

    b. Ftehim ta’ akkwist tal-vettura XGY003 bejn Vince Auto Dealer u Conrad Galea, datat 2 ta’ Settembru 2013 (fol 126).

    c. Screenshots mid-‘database’ tas-soċjeta’ rikorrenti (fol 128).

    d. Invoice għall-ħlas tal-assikurazzjoni maħruġa lil Conrad Galea u datata 3 ta’ Settembru 2013 (fol 130).

17. Rat ix-xhieda ta’ **Karen Cremona**, rappreżentanta tal-Awtorita għat-Trasport f’Malta, mogħtija fis-6 ta’ Gunju 2018, (fol 135) u rat id-dokumentazzjoni relatata mal-vettura LCV369, ġia’ reġistrata bħala XGY003 (fol 137).

18. Rat illi fit-3 ta’ Settembru 2018, l-intimat ippreżenta rikors sabiex iressaq eċċezzjoni ulterjuri sabiex jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, (fol 146), liema rikors ġie miċħud mill-Qorti fl-14 ta’ Novembru 2018 (fol 152).

19. Rat illi fis-27 ta’ Marzu 2019, l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippreżenta.

20. Rat is-sottomissjonjiet tal-abbli difensur tas-soċjeta’ rikorrenti ippreżentati fil-31 ta’ Mejju 2019 (fol 154).

21. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-intimat ippreżentata fid-29 ta’ Lulju 2019 (fol 171).

22. Rat illi dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ fit-8 ta’ Ottubru 2019 u, fuq talba tal-partijiet, awtorizzat lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw oralment.

23. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-27 ta' Novembru 2019, wara liema trattazzjoni il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

## **<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u> – <u>RESPONSABBILTA'</u>**

24. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-vettura tal-għamla BMW 330d, bin-numru ta' reġistrazzjoni XGY 003, ġia' propjetà ta' Vincent Azzopardi ta' Vince Auto Dealer, u mibjugħa lil Conrad Galea fit-3 ta' Settembru 2013, kienet qed tinstaq minn Carmel Vella fit-2 ta' Diċembru 2013 ġewwa n-Naxxar, meta sfat involuta f'inċident awtomobilistiku mal-vettura ossija Crane, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBO 034, proprjeta' ta' Carmelo Muscat u misjuqa mill-intimat Alberto Bartolo.

25. Jirriżulta illi dakinhar tal-inċident, is-sewwieq tal-vettura BMW XGY 003, kien nieżel minn-Naxxar, minn ħdejn Villa Arrigo, ossija minn Triq San Pawl, u ried idur mar-roundabout sabiex jitla 'l fuq lejn il-Għargħur minn ġot-triq arterjali ossija Triq M Murray.

26. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat, mill-banda l-oħra, kien qed isuq il-vettura ossija crane GBO 034, u kien tiela minn Triq is-Salina, magħrufa ukoll bħala t-Telgħa t'Alla u Ommu, u kien ser jibqa' sejjer fid-direzzjoni tal-Għargur ġo Triq M Murray, l-istess triq illi kien qed idur lejha Vella bil-BMW.

27. Jirriżulta illi, waqt illi Carmel Vella kien qiegħed idur mar-roundabout sabiex minn Triq San Pawl jidħol għal ġo Triq M Murray, sfat il-kollizzjoni mal-crane misjuq minn Alberto Bartolo, li kien tiela t-telgħa ta' Triq is-Salina, u kien ħareġ minn fuq 'Give Way' illi hemm kif tintemm tali triq u tasal ħdejn ir-roundabout.

28. Jirriżulta illi, fi kliem l-intimat Alberto Bartolo fix-xhieda tiegħu mogħtija fl-1 ta' Marzu 2017, "*meta wasalt ħdejn ir-roundabout, jiena waqaft għaliex kien ġej trakk u meta rajt li ma kinux ġejjin karozzi bdejt ħiereġ bil-mod.*" (fol 83). In kontro eżami, l-istess Bartolo jistqarr illi "*mistoqsi f'liema stadju rajt lill-karozza li daħlet fil-crane, ngħid illi ma rajthiex il-karozza dieħla fil-crane tiegħi.*" (fol 84)

29. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi Carmel Vella, sewwieq tal-vettura XGY 003, fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-17 ta' Mejju 2016, qal illi "*kont qed indur mar-roundabout u l-vettura li ħbatt magħha baqgħet ħierġa minn fuq il-"give way", jiena ppretendejt li dan kellu jieqaf iżda hu baqa' ħiereġ.*" (fol 71)

30. Jirriżulta illi tali verżjonijiet tal-fatti ngħataw ukoll mill-istess xhieda, dakinhar stess tal-akkadut, lill-Warden li ġie jirrapporta l-każ, fejn l-intimat Bartolo huwa rrappurtat li qal "*Kont tiela u x'ħin kont mar-R/A daħal ġo fih. Ma nafx min fejn ġie għax ma rajtux ġej minn imkien*" (fol 5) u Carmel Vella huwa rrapurtat li qal "*Kont qed indur mar-R/A u baqagħli ħiereġ minn fuq il-give way tat-telgħa*" (fol 6).

31. Jirriżulta illi tali dinamika tidher ukoll ċara fir-ritratt meħud mill-Warden li kien qed jinvestiga l-każ u li jinsab esebit fil-proċess a fol 13.

32. Jirriżulta ċar illi, filwaqt illi Carmel Vella, sewwieq tal-vettura XGY 003 kien ġia' qabad idur mar-roundabout, ħabat fih il-crane GBO 034 misjuq minn Alberto Bartolo, li baqa' ħiereġ minn fuq 'Give Way' sign waqt li Vella kien qed idur mar-roundabout.

33. Il-Qorti tosserva illi f'sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**, sar riferiment għal diversi insenjamenti tal-qrati tagħna dwar nuqqas ta' prudenza fis-sewqan li kellu jwieġeb għalih is-sewwieq:

> *"Illi fir-rigward ta' proper lookout dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu 'an awareness of his immediate vicinity' u ċioe' li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll* ***P. Spiteri vs R. Caruana*** *App 5/10/98;* ***Maria Vella Galea vs Oresta Sammut*** *App. 5/10/98;* ***Dr Remigio Zammit Pace vs C. Grima,*** *App. Inf. 16/05/97;* ***A. Gatt vs M. Shephard,*** *App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapport oħra kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pi p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ l-inċident stradali."*

34. Jirriżulta, għalhekk, bl-aktar mod ċar, illi l-intimat Alberto Bartolo, bħala sewwieq tal-vettura GBO 034, huwa unikament responsabbli għall-inċident, stante illi ħareġ minn 'Give Way' sign waqt illi l-vettura XGY 003 misjuqa minn Vella kienet qed iddur mar-roundabout, liema vettura XGY 003 kellha tingħata preċendenza stante illi kienet ġia' qabdet iddur mar-roundabout.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET FATTWALI</u> – <u>QUANTUM TAD-DANNI</u>

1. Jirriżulta illi Conrad Galea kien akkwista l-vettura mingħand Vince Auto Dealer fit-2 ta' Settembru 2013 (fol 126).

2. Jirriżulta illi fit-3 ta' Settembru 2013, l-għada illi akkwistaha, l-vettura ġiet eżaminata minn surveyor, Anthony Vassallo, illi wara li eżaminaha għamel stima tal-vettura fl-istat illi kienet fl-ammont ta' €26,000 (fol 68).

3. Jirriżulta illi, dakinhar stess, ossija fit-3 ta' Settembru 2013, abbażi ta' tali rapport, inħarġet polza tal-assikurazzjoni f'isem Vincent Azzopardi, fejn l-valur tal-vettura, u għalhekk l-ammont li fuqha jiġi kkalkolat il-Premium pagabbli lis-soċjeta' assikuratriċi, ġie indikat bħala €26,000 (fol 115).

4. Jirriżulta illi, wara l-inċident li seħħ fit-2 ta' Diċembru 2013, is-surveyor tas-soċjeta' rikorrenti, Joseph Muscat, fl-ewwel "survey report" minnu redatt, indika s-segwenti: "*Pre-accident value euros 15,500, wreck value euros 2,000. A cash settlement of euros 13,500 as a full and final settlement regarding the claim is advised*". (fol 16) Il-valur tax-xogħolijiet f'tali rapport ġie stmat għal €19,486.04. (fol 15).

5. Jirriżulta illi sussegwentement, l-istess Surveyor, wara li kkomunika mas-soċjeta' rikorrenti, emenda r-rapport finali tiegħu u, filwaqt illi żied il-valur tax-xogħolijiet meħtieġa għal €19,798.27, neħħa kwalsiasi indikazzjoni għall-valur tal-vettura qabel l-inċident u valuri oħra fuq imsemmija (fol 51).

6. Jirriżulta illi tali tibdil ġie spjegat fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-7 ta' Diċembru 2016, fejn is-surveyor Muscat stqarr illi "*sussegwentement tar-relazzjoni tiegħu u l-konklużjoni tiegħu a fol 16, sirt naf li kien hemm valutazzjoni ta' surveyor ieħor fuq l-istess vettura li kien ra l-istess vettura qabel ma kienet involuta fl-inċident in diżamina u stabbilixxa l-valur tiegħu hu. Għalhekk l-ammont illi stabbilejt jien kelli nibbaża wkoll u nieħu in konsiderazzjonijiet ukoll ta' dawn il-konklużjonijiet tas-surveyor l-ieħor.*" (fol 77).

7. Jirriżulta illi l-intimat qiegħed jikkontesta l-valur tal-"*quantum*" rikjest mis-soċjeta' rikorrenti, stante illi jikkontendi illi s-surveyor tas-soċjeta' rikorrenti stess kien ikkonkluda illi l-ħlas kellu jkun ta' €13,500 flimkien mal-vettura mgħoddija lil Galea filwaqt illi attwalment hija ħallset is-somma ta' €17,000, ferm aktar minn dak stabbilit mis-surveyor tagħha.

8. Jirriżulta, madanakollu, illi għalkemm is-surveyor Joseph Muscat inizjalment ikkonkluda illi l-vettura qabel l-inċident kellha valur ta' €15,500, Conrad Galea kien preċedentement ġia' qabbad surveyor tiegħu, ossija Anthony Vassallo, illi kien raha l-vettura qabel l-inċident u kien wasal għall-konklużjoni li l-vettura kienet attwalment tiswa €26,000, ferm aktar minn dak oriġinalment stabbilit minn Muscat illi qatt ma ra il-vettura qabel l-inċident.

9. Jirriżulta wkoll illi tali valur kien anke aċċettat mis-soċjeta' rikorrenti stess, meta indikat bħala valur fil-Polza tal-Assikurazzjoni tagħha is-somma ta' €26,000.

10. Jirriżulta, finalment illi s-surveyor Joseph Muscat, illi seta' inizjalment żgwida lill-intimat bil-konklużjoni żbaljata tiegħu, stqarr illi ma kienx jaf li kien hemm survey ieħor, u jgħid li kien għalhekk illi sussegwentement varja is-Survey Report tiegħu u neħħa l-valur minnu oriġinalment stabbilit ta' €15,500.

11. Il-Qorti tosserva illi ma hemm ebda raġuni ghaliex ma għandhiex tistrieħ fuq il-valur stabbilit mis-surveyor tar-rikorrent Conrad Galea, illi kien attwalment eżamina l-vettura qabel ma seħħ l-inċident, u għalhekk seta' viżwalment jikkonstata l-istat tal-vettura u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu.

12. Il-Qorti tifhem ukoll illi, finalment, is-soċjeta' rikorrenti ma straħietx kompletament fuq l-istima tas-surveyor tar-rikorrent Galea, ossija Anthony

Vassallo, u di fatti wasslet għall-valur approssimattiv ta' €19,000, valur milħuq bejn dak oriġinalment stabbilit mis-surveyor tagħha Joseph Muscat u s-surveyor ta' Galea, Anthony Vassallo, liema valur jidher illi ġie aċċettat mill-assikurat Vince Azzopardi kif ukoll ir-rikorrent Conrad Galea, li kien assuma l-polza tal-assikurazzjoni wara l-akkwist tal-vettura, tant illi, wara li tnaqqas il-valur tal-vettura bil-ħsara, ossija '*wreck value*', il-valur attwalment imħallas lil Conrad Galea kien ta' €17,000 (fol 123).

13. Il-Qorti għalhekk, tqis illi l-ammont ta' €17,000 li eventwalment tħallas lill Conrad Galea, mis-soċjeta' rikorrenti, u li qed jiġi mitlub il-ħlas tiegħu mingħand l-intimat, huwa ammont ġust u korrett u jistħoqq li jiġi konfermat.

14. Jirriżulta wkoll, finalment, illi l-intimat Conrad Galea, dakinhar stess tal-inċident, ħallas €350 bħala Excess dovut lis-soċjeta' rikorrenti Mapfre Middlesea plc sabiex tkun tista' tipproċessa l-'claim' wara l-inċident (fol 81).

**Konsiderazzjonijiet Finali**

15. Jirriżulta, finalment, illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat għamel referenza estensiva għall-ewwel u r-raba' eċċezzjoni tiegħu, ossija dawk fejn ġie rilevat illi Conrad Galea ma kienx sid il-vettura u għalhekk Bartolo kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u illi l-excess ma kienx dovut stante illi ma tħallsitx minn min kellu l-polza, ossija Vincent Azzopardi.

16. Jirriżulta, madanakollu, illi tali eċċezzjonijiet ġew irtirati fit-23 ta' Novembru 2016, u għalhekk dina l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom – u l-intimat ma kellu ebda raġuni iressaq sottomissjonijiet dwarhom.

17. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi jirriżulta li fit-2 ta' Settembru 2013, Conrad Galea kien akkwista l-vettura mingħand Vincent Azzopardi u, permezz ta' '*Form of Acceptance and Discharge*' maħruġa lis-soċjeta' Middlesea Insurance plc mir-rikorrent Conrad Galea u Vincent Azzopardi flimkien wara li seħħ l-inċident meritu ta-kawża odjerna, kien aċċettat minn Azzopardi illi kwalsiasi ħlas dovut riżultat tal-inċident kellu jingħadda lil Conrad Galea.

**DECIDE:**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u r-raba' eċċezzjoni ta' l-intimat Alberto Bartolo, stante illi ġew irtirati fis-26 ta' Novembru 2016;

**Tiċħad** it-tieni u tielet eċċezzjoni ta' l-intimat Alberto Bartolo;

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, u għalhekk;

**Tiddikjara** li l-intimat Adriano Bartolo huwa unikament responsabbli għall-inċident illi seħħ nhar it-tnejn (2) ta' Diċembru elfejn u tlettax (2013), fit-Telgħa t'Alla u Ommu, Naxxar bejn il-vettura crane bin-numru ta' reġistrazzjoni GBO 034 misjuqa mill-intimat u l-vettura tat-tip BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni XGY 003 misjuqa minn Carmel Vella;

**Tillikwida** d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti Mapfre Middlesea plc fl-ammont ta' sbatax-il elf Euro (€17,000) u dawk minn Conrad Galea fis-somma ta' tlett mija u ħamsin Euro (€350).

**Tikkundanna** lill-intimat Adriano Bartolo iħallas lis-soċjeta' rikorrenti Mapfre Middlesea plc is-somma ta' sbatax-il elf Euro (€17,000) u lil Conrad Galea is-somma ta' tlett mija u ħamsin Euro (€350).

**Imgħax** mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Bl-ispejjeż** kollha kif mitluba kontra l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**